MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2008

Numru 224/2008

**Il-Pulizija**
**Sp Anna Marie Micallef**
**vs**
**Ramon Fenech**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Ramon Fenech ta' 22 sena iben Raymond Caruana u Rita nee' Fenech mwieled Pieta fl-24 ta' Ottubru 1985 u residenti Birmingham Flats No 3 Triq il-Madonna tal-Gebel Gzira, ID 544185M.**

**Akkuzat talli nhar il-11 ta' Marzu 2008 ghall-habta ta' nofsinhar gewwa Triq ix-Xatt ta' Tigne Sliema**

**1. ingurja jew hedded jew ghamel offizi fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu**

**ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' hew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz, u cioe fuq il-persuni ta' PC 1138 Andrei Spiteri u PC 101 Noel Enriquez, u dan ai terminu ta' l-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**2. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe fuq il-persuni ta' PC 1138 Andrei Spiteri u PC 101 Noel Enriquez u dan ai terminu ta' l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**3. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' l-awtorita' u cioe ta' PC 1138 Andrei Spiteri u PC 101 Noel Enriquez u ma halliex u fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmijiet taghhom u b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliehomx jaghmlu dak li b'ligi kienu ordnati u dan ai terminu ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**4. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan ai terminu ta' l-Artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin xieraq biex jahsibha. L-imputat skuza ruhu mal-pulizja ghall-incident illi nqala'. Matul dan l-incident hadd ma wegga'.**

**Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17H, 95, 96, 338(ee), 338(dd) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li l-ewwel imputazzjoni hija assorbita fit-tieni imputazzjoni. Fic-cirkostanzi tal-kaz, il-Qorti flok ma qed tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien 18-il xahar millum. Il-Qorti spjegat l-Artikolu 22 tal-kap 446 lill-imputat fi kliem semplici.**

**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------